



Brussell, 14 ta' April 2026  
(OR. en)

7734/26

**LIMITE**

**CORLX 317  
CFSP/PESC 450  
CSDP/PSDC 188  
COEST 249  
CSC 198  
CIVCOM 69**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett:                   Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUPM Armenia)

---

**Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/...**

**ta' ...**

**dwar Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja  
(EUPM Armenia)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Lulju 2025, il-President tal-Kunsill Ewropew u l-President tal-Kummissjoni Ewropea ltaqgħu mal-Prim Ministru tar-Repubblika tal-Armenja biex jafferaw mill-ġdid u javvanzaw is-sħubija dejjem tikber bejn l-Unjoni u l-Armenja.
- (2) Fit-2 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill ta' Sħubija UE-Armenja approva Aġenda Strateġika ġdida għas-Sħubija bejn l-UE u l-Armenja. Filwaqt li tibni fuq il-pedamenti tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-UE u l-Armenja, l-Aġenda Strateġika tirrappreżenta pass sinifikanti 'l quddiem fl-approfondiment tar-relazzjonijiet f'firxa wiesgħa ta' oqsma, inkluż fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża.
- (3) F'ittra lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, bid-data tat-12 ta' Diċembru 2025, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika tal-Armenja stieden lill-Unjoni tiskjera missjoni ċivili fl-Armenja taħt il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-UE (PSDK).
- (4) Fil-5 ta' Marzu 2026, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà approva Qafas Politiku għal Approċċ għal Kriżijiet fir-Repubblika tal-Armenja.

- (5) Fid-9 ta' April 2026, il-Kunsill approva Kunċett ta' Maniġġar ta' Kriżi għal missjoni ċivili possibbli tal-PSDK fir-Repubblika tal-Armenja. Jenftieg għalhekk li missjoni PSDK tiġi stabbilita.
- (6) Il-missjoni PSDK fir-Repubblika tal-Armenja ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

### *Missjoni*

L-Unjoni b'dan tistabbilixxi Missjoni ċivili ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika tal-Armenja (EUPM Armenia) taħt il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni.

## *Artikolu 2*

### *Mandat*

1. EUPM Armenia għandha ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-Armenja fil-qasam tat-theddid ibridu permezz tal-għoti ta' parir strateġiku kif ukoll pariri u appoġġ fil-livell operazzjonali lill-aġenziji rilevanti tas-settur tas-sigurtà, f'konformità ma' approċċ ta' gvern sħiħ u f'koordinazzjoni mill-qrib ma' atturi oħra tal-istess fehma.
2. Għal dak il-għan, EUPM Armenia għandha:
  - (a) tassisti lill-ministeri u l-aġenziji rilevanti fit-tisħiħ tar-reżiljenza għat-theddid ibridu billi:
    - (i) tipprovdi parir strateġiku dwar l-iżvilupp ta' strateġiji, politiki u protokollu għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu, b'mod partikolari l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI) u ċ-ċibernetika, kif ukoll il-flussi finanzjarji illeċiti fil-kuntest elettorali u dak politiku, u ssaħħaħ iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza tal-FIMI;

- (ii) tappoġġa approċċ ta' gvern sħiħ u koordinazzjoni interistituzzjonali billi tipprovdi parir strateġiku dwar theddid ibridu fir-rigward tal-koordinazzjoni strutturata, bl-abbozzar ta' valutazzjonijiet konġunti tat-theddid, u permezz ta' involviment sistematiku fil-ministeri u l-aġenziji rilevanti kollha li għandhom mandati għal diversi aspetti tal-ġlieda kontra t-theddid ibridu u għall-maniġġar ta' kriżijiet;
- (iii) tidentifika l-ħtiġijiet għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fis-settur tas-sigurtà għall-monitoraġġ, it-twissija bikrija, id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, l-attribuzzjoni ta' theddid ibridu u r-rispons għalih, inkluż fil-qasam tal-FIMI u ċ-ċibernetika f'konformità mal-metodoloġiji u l-istandards tal-Unjoni.
- (b) tikkomplementa l-attivitajiet imsemmija hawn fuq billi tipprovdi parir fil-livell operazzjonali lill-ministeri u l-aġenziji rilevanti f'oqsma speċifiċi relatati ma' theddid ibridu, u tkun appoġġata permezz ta' ċellula ta' proġetti li toffri appoġġ operazzjonali mmirat, f'konformità mal-Approċċ Integrat għal Konflitti u Kriżijiet Esterni u, kemm jista' jkun, f'koordinazzjoni mill-qrib ma' atturi oħra tal-istess fehma.

3. Id-dritt umanitarju internazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u l-aġendi skont ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti Nru 1325 (2000) dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, 2250 (2015) dwar iż-Żgħażaġġ, il-Paċi u s-Sigurtà u 1612 (2005) dwar l-aġendi dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati għandhom jiġu integrati bis-sħiħ u b'mod proattiv fl-ippjanar, l-attivitajiet u r-rappurtar strateġiċi u operazzjonali ta' EUPM Armenia.

### *Artikolu 3*

#### *Linja ta' kmand u struttura*

1. EUPM Armenia għandu jkollha linja ta' kmand unifikata bħala operazzjoni ta' maniġġar ta' kriżijiet taħt id-direzzjoni politika u strateġika tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u l-awtorità ġenerali tar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-“Rappreżentant Għoli”).
2. EUPM Armenia għandu jkollha l-Kwartieri Ġenerali tagħha fl-Armenja.
3. EUPM Armenia għandha tkun strutturata f'konformità mad-dokumenti ta' ppjanar tagħha.

### *Artikolu 4*

#### *Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili*

1. Id-Direttur Maniġerjali tal-Kwartieri tal-Operazzjonijiet Ċivili (CivOpsHQ) għandu jkun il-Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili għal EUPM Armenia. Is-CivOpsHQ għandu jkun għad-dispożizzjoni tal-Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili għall-ippjanar u t-tmexxija ta' EUPM Armenia.

2. Il-Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-KPS u l-awtorità ġenerali tar-Rappreżentant Għoli, għandu jeżerċita l-kmand u l-kontroll ta' EUPM Armenia fil-livell strateġiku.
3. Il-Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili għandu jiżgura l-implimentazzjoni korretta u effettiva tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill u tal-KPS fir-rigward tat-tmexxija tal-operazzjonijiet, inkluż bil-ħruġ ta' struzzjonijiet lill-Kap tal-Missjoni u billi jipprovdi/jipprovdiha pariri u appoġġ tekniku.
4. Il-Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili għandu jirrapporta lil-Kunsill permezz tar-Rappreżentant Għoli.
5. Il-persunal issekondat kollu għandu jibqa' taħt il-kmand sħiħ tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat li ssekondah f'konformità mar-regoli nazzjonali, tal-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata jew tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), rispettivament. Dawk l-awtoritajiet għandhom jittrasferixxu l-Kontroll Operazzjonali (OPCON) tal-persunal tagħhom lill-Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili.
6. Il-Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili għandu jkollu responsabbiltà ġenerali sabiex jiżgura li d-dmir ta' diliġenza tal-Unjoni jiġi attwat korrettament.
7. Il-Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili u l-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE għall-Armenja għandhom jikkonsultaw lil xulxin kif meħtieġ.

*Artikolu 5*  
*Kap tal-Missjoni*

1. Il-Kap tal-Missjoni għandu jieħu r-responsabbiltà għal EUPM Armenia u għandu jeżerçita l-kmand u l-kontroll tagħha, fuq il-post. Il-Kap tal-Missjoni għandu jaqa' direttament taħt il-Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili u jaġixxi f'konformità mal-istruzzjonijiet tiegħu jew tagħha.
2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun ir-rappreżentant ta' EUPM Armenia fil-qasam ta' responsabbiltà tagħha.
3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerçita r-responsabbiltà amministrattiva u loġistika għal EUPM Armenia, inkluż responsabbiltà għall-assi, ir-riżorsi u t-tagħrif li tpoġġew għad-dispożizzjoni ta' EUPM Armenia. Il-Kap tal-Missjoni jista' jiddelega kompiti ta' ġestjoni fi kwistjonijiet ta' persunal u dawk finanzjarji lil membri tal-persunal ta' EUPM Armenia, taħt ir-responsabbiltà ġenerali tiegħu jew tagħha.
4. Il-Kap tal-Missjoni għandu joħroġ istruzzjonijiet għat-tmexxija effettiva ta' EUPM Armenia fuq il-post, filwaqt li jassumi l-koordinazzjoni u l-ġestjoni ta' kuljum tagħha, skont l-istruzzjonijiet tal-Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili.
5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għall-kontroll dixxiplinari fuq il-persunal ta' EUPM Armenia. Għall-persunal issekondat, l-azzjoni dixxiplinari għandha tiġi eżerçitata mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat li ssekondah f'konformità mar-regoli nazzjonali, mill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata, jew mis-SEAE, rispettivament.

6. Il-Kap tal-Missjoni għandu, mingħajr preġudizzju għal-linja ta' kmand, jirċievi gwida politika lokali mill-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni għall-Armenja.

*Artikolu 6*

*Persunal*

1. EUPM Armenia għandu tikkonsisti primarjament minn persunal issekondat mill-Istati Membri, mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew mis-SEAE. Kull Stat Membru, kull istituzzjoni tal-Unjoni, u s-SEAE għandhom jassumu l-ispejjeż relatati ma' kwalunkwe persunal issekondat minnhom, inkluż l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn u mill-post tal-istazzjonament, is-salarji, il-kopertura medika u l-allowances minbarra l-allowances applikabbli ta' kuljum.
2. L-Istat Membru, l-istituzzjoni tal-Unjoni, jew is-SEAE, rispettivament, għandhom ikunu responsabbli biex iwieġbu għal kwalunkwe pretensjoni marbuta mal-issekondar mingħand il-membri tal-persunal li jkunu ssekondaw jew dwarhom, u biex jieħdu kwalunkwe azzjoni kontra tali persuni.
3. Il-persunal internazzjonali u lokali jista' jiġi reclutat fuq bażi kuntrattwali minn EUPM Armenia jekk il-funzjonijiet meħtieġa ma jkunux jistgħu jiġu provduti minn persunal issekondat mill-Istati Membri. Eċċezzjonalment, u f'każijiet debitament ġustifikati, fejn ma jkun hemm disponibbli l-ebda applikant kwalifikat mill-Istati Membri, jistgħu jiġu reclutati ċittadini minn Stati terzi parteċipanti fuq bażi kuntrattwali, kif adatt.

4. Il-kondizzjonijiet tal-impjeg u d-drittijiet u l-obbligi tal-persunal internazzjonali u lokali għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntratti bejn EUPM Armenia u l-membri tal-persunal ikkonċernat.

#### *Artikolu 7*

##### *Status ta' EUPM Armenia u tal-persunal tagħha*

L-istatus ta' EUPM Armenia u tal-persunal tagħha, inkluż, fejn xieraq, il-privileġġi, l-immunitajiet u garanziji oħrajn meħtieġa għall-ikkompletar u l-funzjonament bla xkiel ta' EUPM Armenia, għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehim konkluż skont l-Artikolu 37 TUE u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

#### *Artikolu 8*

##### *Kontroll politiku u direzzjoni strateġika*

1. Il-KPS għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u tar-Rappreżentant Għoli, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' EUPM Armenia. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għal dan il-fini f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 TUE. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi s-setgħat għall-ħatra ta' Kap tal-Missjoni, fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli, u biex jiġi emendat il-Pjan Operazzjonali (OPLAN). Is-setgħat tad-deċiżjoni fir-rigward tal-oġettivi u t-terminazzjoni ta' EUPM Armenia għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill. Id-deċiżjonijiet tal-KPS rigward il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni għandhom jiġu pubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Il-KPS għandu jirrapporta lill-Kunsill f'intervalli regolari.
3. Il-KPS għandu jirċievi, fuq bażi regolari u kif meħtieġ, rapporti mill-Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili u l-Kap tal-Missjoni dwar kwistjonijiet fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom.

#### *Artikolu 9*

#### *Parteċipazzjoni ta' Stati terzi*

1. Mingħajr preġudizzju għall-awtonomija deċiżjonali tal-Unjoni u l-qafas istituzzjonali uniku tagħha, jistgħu jiġu mistiedna Stati terzi sabiex jikkontribwixxu għal EUPM Armenia, dment li dawn jerfgħu l-ispejjeż tal-persunal issekondat minnhom, inkluż is-salarji, l-assigurazzjoni li tkopri r-riskji kollha, l-allowances ta' sussistenza ta' kuljum u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn u mill-Armenja, u dment li dawn jikkontribwixxu għall-ispejjeż operattivi ta' EUPM Armenia, kif meħtieġ.
2. L-Istati terzi li jikkontribwixxu għal EUPM Armenia għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-Istati Membri f'termini tal-ġestjoni ta' kuljum ta' EUPM Armenia.
3. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontribuzzjonijiet proposti u sabiex jistabbilixxi Kumitat ta' Kontributuri.
4. L-arranġamenti dettaljati dwar il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu koperti minn ftehimiet konklużi f'konformità mal-Artikolu 37 TUE u arranġamenti tekniċi addizzjonali kif meħtieġ. Fejn l-Unjoni u Stat terz jikkonkludu jew ikunu kkonkludew ftehim li jstabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni ta' dak l-Istat terz f'operazzjonijiet tal-Unjoni ta' maniġġar ta' kriżijiet, id-dispożizzjonijiet ta' dak il-ftehim għandhom japplikaw fil-kuntest ta' EUPM Armenia.

## Artikolu 10

### Sigurtà

1. Il-Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili għandu jidderieġi l-ippjanar tal-Kap tal-Missjoni tal-miżuri ta' sigurtà u jiżgura l-implimentazzjoni korretta u effettiva tagħhom minn EUPM Armenia f'konformità mal-Artikolu 4.
2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għat-twettiq tad-dmir ta' diliġenza fil-'EUPM Armenia u biex jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli għall-EUPM Armenia, f'konformità mal-Politika ta' Sigurtà u ta' Dmir ta' Diliġenza għall-Missjonijiet Ċivili tal-PSDK, u l-istrumenti ta' appoġġ tagħha.
3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jiġi assistit minn Uffiċjal tas-Sigurtà tal-Missjoni, li għandu jirrapporta lill-Kap tal-Missjoni u jżomm ukoll relazzjoni funzjonali mill-qrib mas-SEAE.
4. Il-persunal tal-Missjoni għandu jingħata taħriġ obligatorju ta' sigurtà qabel ma jibda dmirijietu, f'konformità mal-OPLAN. Huwa għandu jingħata wkoll taħriġ regolari ta' aġġornament fuq il-post tal-operazzjonijiet li jkun organizzat mill-Uffiċjal tas-Sigurtà tal-Missjoni.
5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jiżgura l-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-UE f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2013/488/oj>).

*Artikolu 11*  
*Kapaċità ta' Sorveljanza*

Il-Kapaċità ta' Sorveljanza għandha tiġi attivata għal -EUPM Armenia.

*Artikolu 12*  
*Arranġamenti legali*

Il-EUPM Armenia għandu jkollha l-kapaċità li takkwista servizzi u provvisti, li tidħol f'kuntratti u arranġamenti amministrattivi, li timpjega persunal, li jkollha kontijiet bankarji, li takkwista u tiddisponi minn assi u tħallas l-obbligazzjonijiet tagħha, u li tkun parti għal proċeduri legali, kif meħtieġ sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 13*  
*Arranġamenti finanzjarji*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata ma' EUPM Armenia għall-erba' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni għandu jkun EUR 2 678 230,39. L-ammont ta' referenza finanzjarja għal kull perjodu sussegwenti għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.

2. In-nefqa kollha għandha tiġi amministrata f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-parteciċipazzjoni ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi fl-għoti ta' kuntratti ta' akkwist minn EUPM Armenia għandha tkun miftuħa mingħajr limitazzjonijiet. Barra minn hekk, ma għandha tapplika l-ebda regola ta' oriġini għall-prodotti mixtrija minn EUPM Armenia. Soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, EUPM Armenia tista' tikkonkludi arranġamenti tekniċi ma' Stati Membri, l-Istat ospitanti, Stati terzi parteciċipanti u ma' atturi internazzjonali oħra, fir-rigward tal-provvista ta' taġġmir, servizzi u siti għal EUPM Armenia.
3. Il-EUPM Armenia għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha. Għal dan il-għan, EUPM Armenia għandha tiffirma ftehim mal-Kummissjoni. L-arranġamenti finanzjarji għandhom jirrispettaw il-linja ta' kmand prevista fl-Artikoli 3, 4 u 5 u r-rekwiżiti operazzjonali ta' EUPM Armenia.
4. EUPM Armenia għandha tirrapporta b'mod sħiħ lill-Kummissjoni u tkun issorveljata minnha fir-rigward tal-attivitajiet finanzjarji mwettqa fil-qafas tal-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3.
5. In-nefqa marbuta ma' EUPM Armenia għandha tkun eliġibbli mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 14*  
*Ċellula ta' Proġetti*

1. EUPM Armenia għandu jkollha Ċellula ta' Proġetti għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti, f'konformità mal-parir strateġiku u operazzjonali pprovdut f'konformità mal-mandat tagħha kif stabbilit fl-Artikolu 2. EUPM Armenia għandha, skont il-ħtieġa, tiffaċilita u tipprovdi pariri dwar proġetti implimentati mill-Istati Membri u Stati terzi taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'oqsma marbutin ma' EUPM Armenia u b'appoġġ għall-oġettivi tagħha.
2. Soġġett għall-paragrafu 3, EUPM Armenia għandha tkun awtorizzata tirrikorri għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri jew minn Stati terzi għall-implimentazzjoni ta' proġetti identifikati bħala li jissupplimentaw b'mod konsistenti azzjonijiet l-oħra ta' EUPM Armenia jekk il-proġetti jkunu:
  - (a) previsti fid-dikjarazzjoni finanzjarja relatata ma' din id-Deċiżjoni; jew
  - (b) integrati matul il-mandat permezz ta' emenda tad-dikjarazzjoni finanzjarja fuq talba tal-Kap tal-Missjoni.

EUPM Armenia għandha tikkonkludi arranġament mal-Istati kontribwenti, li jkopri b'mod partikolari l-proċeduri speċifiċi għat-trattament ta' kwalunkwe ilment minn partijiet terzi dwar ħsara kkawżata minħabba atti jew ommissjonijiet minn EUPM Armenia fl-użu tal-fondi pprovduti minn dawk l-Istati. L-Istati kontribwenti ma għandhom f'ebda ċirkostanza jżommu lill-Unjoni jew lir-Rappreżentant Għoli responsabbli għal atti jew ommissjonijiet minn EUPM Armenia fl-użu tal-fondi pprovduti minn dawk l-Istati.

3. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati terzi għaċ-Ċellula ta' Proġetti għandhom ikunu soġġetti għall-aċċettazzjoni mill-KPS.

#### *Artikolu 15*

##### *Konsistenza tar-rispons u l-koordinazzjoni tal-Unjoni*

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jiżgura l-konsistenza tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mal-azzjoni esterna tal-Unjoni fl-intier tagħha, inkluż il-programmi ta' assistenza tal-Unjoni.
2. Mingħajr preġudizzju għal-linja ta' kmand, il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni għall-Armenja għandu jipprovdi gwida politika lokali lill-Kap tal-Missjoni.
3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jiżgura koordinazzjoni mill-qrib mar-rappreżentanti tal-Istati Membri u s-sħab internazzjonali fir-Repubblika tal-Armenja.

## Artikolu 16

### Rilaxx ta' informazzjoni

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun awtorizzat li jrrilaxxa lill-Istati terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni, kif adatt u f'konformità mal-ħtiġijiet ta' EUPM Armenia, l-informazzjoni klassifikata tal-UE sal-livell "CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL" li tiġi ġġenerata għall-finijiet ta' EUPM Armenia, f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/488/UE.
2. Fil-każ ta' ħtieġa operazzjonali speċifika u immedjata, ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun awtorizzat ukoll li jgħaddi lill-Istat ospitanti kwalunkwe informazzjoni klassifikata tal-UE sal-livell "RESTREINT UE/EU RESTRICTED" li hija ġġenerata għall-finijiet ta' EUPM Armenia, f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/488/UE. Għal dan il-għan għandhom jitfasslu arranġamenti bejn ir-Rappreżentant Għoli u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ospitanti.
3. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun awtorizzat jrrilaxxa lill-Istati terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni kwalunkwe dokument mhux klassifikat tal-UE marbut mad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill relatati ma' EUPM Armenia u kopert mill-obbligu ta' segretezza professjonali skont l-Artikolu 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill<sup>2</sup>.

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35.  
ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2009/937/oj>).

4. Ir-Rappreżentant Għoli jista' jiddelega s-setgħat imsemmija fil-paragrafi 1 sa 3, kif ukoll il-kapaċità li jiġu konklużi l-arranġamenti msemmijin fil-paragrafu 2, lil persuni taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli, lill-Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili u lill-Kap tal-Missjoni, f'konformità mat-Taqsima VII tal-Anness VI tad-Deċiżjoni 2013/488/UE.

*Artikolu 17*

*Tnedija ta' EUPM Armenia*

1. EUPM Armenia għandha titnieda fil-mument adatt permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill wara li tkun laħqet il-kapaċità operazzjonali inizjali tagħha, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili ta' EUPM Armenia.
2. It-tim ewlieni ta' EUPM Armenia għandu jagħmel it-tnejjiet neċessarji biex EUPM Armenia tkun tista' tilħaq il-kapaċità operazzjonali inizjali tagħha.

*Artikolu 18*  
*Dħul fis-seħħ u durata*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
2. Għandha tapplika għal perjodu ta' sentejn mit-tnedija ta' EUPM Armenia.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*